**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta’ Novembru 2023**

Rikors Numru: 475/23 AL

A sive A B

vs

C D

(M.R. Numru 1887/1995)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (1995), liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta’ Malta skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok 'A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet għandhom zewgt itfal, senjatament E F B u G H B, li huma t-tnejn maggorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt taseparazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutara Dottor Brenda Jane Camilleri Vella, illi kopja legali tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. 'B'.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet ilhom separati de facto ghal din l-ahhar sena, senjatament sa mill-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u jgħixu hajja totalment separata minn xulxin u dan skond ma jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

5. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin.

6. Illi għal dak illi jirrigwarda l-manteniment dovut ghal bint il-partijiet Laura, li għalkemm hija maggorenni, ghadha tistudja fuq bazi full-time, r-rikorrenti jirrileva umilment illi l- manteniment dovut lilha mill-intimata qieghed jithallas b'mod regolari lill-istess bint il-partijiet, ai termini tal-klawsola numru tmienja (8) ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall- otteniment tadivorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C'.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta’ Ssettembru 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u debitament notifikata twieġeb fuq domanda tal-Qorti li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Gunju 2023 u *de facto* separati ghal din l-aħħar sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.